# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor.Imħallef Dr Giovanni M.Grixti LL.M., LL.D.

**Appell Numru 499/2016**

**Il-Pulizija**

**(Spettur Sylvana Zrinzo Azzopardi)**

**Vs**

**Anthony Baldacchino u**

**Maria Licia Baldacchino**

Seduta tas-25 ta' Gunju, 2020

Il-Qorti

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellanti Anthony Baldacchino, detentur tal-karta tal-identita' numru 901851 (M) u Maria Licia Baldacchino, detentriċi tal-karta tal-identita' numru 316956(M) akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali talli:

Fil-kwalita' tagħhom ta' diretturi u / jew segretarji ta' kumpanija u/jew rappreżentanti ġuridiċi tas-soċjeta' kummerċjali JRS Limited (C28658) b'indirizz reġistrat Mriage, Triq Ramija, Siġġiewi, Malta u/jew bħala persuni li kienu

inkarigati mill-istess soċjeta' kummerċjali sabiex iħallsu l-pagi għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Ġunju 2014 u l-20 t'Awwissu 2014 , ammontanti għal €1727.63 naqsu li jħallsu l-Vacation Leave għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Ġunju 2014 u l-20 t'Awwissu 2014, ammontanti għal €194.48, naqsu li jħallsu parti mill-bonus statutorju għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Ġunju 2014 u l-20 t'Awwissu 2014, ammontanti għal €35.12, naqsu li jħallsu s-sahra għall-perjodu ta' bejn 19 ta' Ġunju 2014 u l-20 t'Awwissu 2014 ammontanti għal €813.26 , naqsu li jħallsu xogħol maħdum fil-Ħdud għall-perjodu ta' bejn it-22 ta' Ġunju 2014 u s-17 t'Awwissu 2014, ammontanti għal €759.45 u naqsu li jħallsu parti mill-Weekly Allowance għall-perjodu ta' bejn id-19 ta' Ġunju 2014 u l-20 t'Awwissu 2014, ammontanti għal €32.71 li b'kollox jammontaw għal €3,562.65 versu liema ammont sar il- pagament ta' € 2,306.00, fejn liema ammont dovut rimanenti huwa dak ta' elf mitejn sitta u ħamsin Euro u ħamsa u sittin ċenteżmu (€1,256.65) u li kienu dovuti lill-ex-impjegat tagħhom , u cioe' lil Salvatore Capraro (ID 107033A) fl-20 ta' Awwissu 2014;

Il-Qorti ntalbet sabiex tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(1) tal-Kap 452 tal-Liġijiet ta' Malta sabiex iħallsu l-penali skont il-Liġi, kif ukoll tordna lill-imputati, ai termini tal-artikolu 45(2) tal-Kap 452 u tar-Regolament 22 tal-Avviż Legali 247 tal-2003 kif emendat bl-Avviż Legali 427 tal-2007 tal-Liġijiet ta' Malta, sabiex iħallsu lil Salvatore Capraro (ID 107033A) l-ammont ta' elf mitejn u ħamsa u sittin ewro u ħamsa u sittin ċenteżamu (€1256.65) għar-raġnijiet hawn fuq speċifici;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) Bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali mogħtija fl-24 t'Ottubru 2016 fl-ismijiet premessi li biha l-Qorti sabet lill-imputati ħatja tal-imputazzjoni miġjuba kontrihom iżda bl-applikazzjoni tal-artikolu 22 tal-Kap

446, illiberathom bil-kundizzjoni li ma jikkommettux reat ieħor sa żmien sena minn dakinhar tas-sentenza u bil-kundizzjoni li sa żmien tliet xhur iħallsu lil Salvatore Capraro (ID 10733A) is-somma ta' €1256.65 ratealment bl-ewwel pagament dovut isir fix-xahar ta' wara li ngħatat is-sentenza;

Rat l-appell interpost minn Anthony Baldacchino u Maria Licia Baldacchino u introdott fir-reġistru ta' din il-Qorti fil-31 t'Ottubru 2016 li bih talbu lil din il-Qorti **tħassar**, tirrevoka u tikkanċella s–sentenza mogħtija fl-ismijiet 'Il-Pulizija vs Anthony Baldacchino u Maria Licia Baldacchino' fl-24 t'Ottubru 2016 u minflok tgħaddi biex tillibera lill-appellanti mill-imputazzjoni, ħtija u piena;

Rat l-aggravji tal-appellanti;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellanti esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkonsidrat:

1. Illi l-fatti ta' dan il-kaz jirrigwardaw allegat nuqqas ta' hlas ta' bilanc dovut rapprezentanti paga kompriz ta' sahra u ta' granet ta' Hdud u ta' bonus statutorju u dak ta' kull gimgha ghaz-zmien li l-kwerelant ghamel jahdem mas-socjeta J.R.S. Limited bhala *chef de partie*;

2. L-appellanti li allura instabu hatja mill-ewwel Qorti, jillanjaw is-sentenza appellata bi gravami dwar il-kwalita' jew mankanza tal-provi u iehor ta' natura legali. Tajjeb li jinghad qabel xejn illi ma hemm l-ebda kontestazzjoni li l-kwerelant kien jahdem mas-socjeta' J.R.S. Limited fil-kwalita' msemmija u li l-appellanti kienu responsabbli mit-tmexxija tal-istess socjeta' anzi huwa minnhom accettat dan skond il-paragrafu numru 5 tar-rikors tal-appell. L-appellanti jtennu li l-prosekuzzjoni ma

rnexxilhiex tipprova "li Salvatore Capraro kien dovut b'titolu ta' rimunerazzjoni tant flus; u ... li dawn il-flus ma thallsux" minnhom.

3. L-ewwel argument mressaq mill-appellanti hu li l-prosekuzzjoni kellha ggib dik il-prova ta' dak li kien dovut lil Capraro konsistenti fis-sieghat li jallega li hadem la darba kien ircieva diversi pagamenti fil-kors tal-impjieg tieghu. In sostenn ta' dan, l-appellanti jallegaw illi mkien fid-deposizzjoni tieghu l-kwerelant ma xehed dan u li kien r-rapprezentant tad-Dipartiment, Jonathan Caruana, li xehed u esebixxa dokumenti skond kif kien infurmah il-kwerelant izda dan jammonta ghal-detto del detto bil-konsegwenza li dan ma jistghax jitqies bhala prova;

4. Il-Qorti tosserva illi l-atti processwali jakkludu a fol 4 Statement of Account bil-figuri kif mogħtijin minn Salvatore Capraro lid-Dipartiment tal-'Industrial and Employment Relations.' Huwa minnu li dan kien esebit minn Jonathan Caruana. Hemm ukoll, izda, ix-xhieda ta' Salvatore Capraro li qal li kien jaħdem ma' JRS Limited. Huwa allega li kien inghata kuntratt falz u sab ruħu jaħdem fl-ekonomija s-sewda. Meta ngħata s-sensja is-sur Baldacchino bagħtu biex jirreġistra. Capraro qal li s-sur Baldacchino ma kienx ħallsu 'tutte le ferie' u 'tutto che sta previsto sul conto'. Huwa kien ħadem bejn Ġunju u Awwissu 2014 u kien qed jistenna li jieħu 1,256 Euro. Iżda din ma kienitx il-vera paga bażika (fol 16). Din is-somma nħadmet fuq il-paga bażika. Fil-kontro-eżami huwa ċaħad li s-sur Baldacchino kien offrielu 800 Euro ghas-saldu tal-pretenzjonijiet tiegħu u li lis-sur Baldacchino kien qallu li l-ammont dovut ma kienx dak minnu offert. Kien offrielu 800 Euro u jekk ma riedx jeħodhom seta' jitlaq. Hu kien ħa l-flus imma qallu li dawk mhux biżżejjed 'Queste non sono i soldi.' U

s-sur Baldacchino (Senior) kien qallu li mhux hu jiddeċiedi izda ibnu. U hawn ix-xhud qallu li kien sejjer l-ETC u jirrapporta li s-sur Baldacchino ma kienx ddikjarah bħala impjegat mal-ETC u ma kellux il-karti skont il-Liġi. It-800 Euro kienu offerti wara. Meta mar fl-uffiċju għall-paga s-sur Baldacchino kien qallu 'Questi sono i tuoi ultimi soldi' iżda x-xhud kien qallu li kien jonqsu 'l'altra paga intera. La paga intera che manca.' Is-sur Baldacchino kien qallu 'Vuoi questi, se no niente.' Spjega ukoll li ma kienx jithallas kull xahar. Il-bilanċ li għadu jistenna huwa 1,256 Euro ghaliex il-paga li kien tah kienet tax-xahar ta' qabel u mhux tax-xahar attwali;

5. Jonathan Caruana, rappreżentant tad-Dipartiment, xehed illi Salvatore Capraro kien mar id-dipartiment u qalilhom li kien jaħdem bħal chef de partie ma' JRS Limited bejn id-19 ta' Ġunju 2014 u l-20 t'Awwissu 2014 u li ma kienx qed jitħallas tal-overtime u kien fadallu xi pagi pendenti. Ix-xhud kien bagħat diversi ittri lis-sid tal-kumpanija iżda qatt ma kellu risposta dwarhom. Kien darba, waqt telefonata, li s-sid qallu li, minħabba sajjetta, kien inħaraqlu l-computer li fuqu kellu d-*data* u wegħdu li fi żmien ġimgħa jerġa' jkellmu izda qatt ma rega sema' mingħandu. Ix-xhud esebixxa prospett tas-sighat mahduma minn Capraro u l-ammonti dovuti.

6. Dr Amanda Pool, in rapprezentanza tal-MFSA kkonfermat li Joseph Baldacchino kien direttur fis-sena 2014 iżda rriżenja fil-15 ta' Marzu 2014. Hemm ukoll bħala diretturi Anthony Baldacchino u Licia Baldacchino. Dawn kienu responsabbli bejn Ġunju u Awwissu 2014. Joseph Saliba, rapprezentant tal-ETC ppreżenta l-employment history ta' Salvatore Capraro minn fejn jidher li l-*engagement form* dwar dan l-impjieg daħlet fis-27 t'Ottubru 2014 (meta Capraro kien impjegat mid-19 ta'Gunju sal-20 t'Awissu, 2014) u fl-

employment history jidher li qatt ma kienu sottomessi t-termination forms skont l-Avviż Legali 110.93;

7. L-imputat Anthony Baldacchino xehed illi l-kwerelant ma kienx tajjeb għal dak ix-xogħol iżda hu ssaportieh għal xi xahrejn. Hu ħareġ bl-idea li jagħtih is-somma ta' tmien mija u sittax-il Ewro u t-tfajla tiegħu Maria talbet tletin Euro oħrajn. Hu tah 830 u imbagħad qallu biex jerġa' jmur biex ikellem lil min jagħmel il-payslip. Il-kwerelant qallu 'Le' għax ried isiefer. U l-kwerelant ma qal xejn. Il-kwerelant ma kellux payslips x'juri iżda l-ħlas sar jew fit-18 jew fid-19 ta' Settembru 2014. Huwa ma qabilx li l-kwerelant kellu jieħu l-ammont indikat fiċ-ċitazzjoni ghaliex dejjem ħallsu u l-bilanċ li offra kien tal-aħħar perjodu li għamel u ma kellux jagħtih tlitt elef euro izda tal-aħħar xahar. Jghid illi l-kwerelant ma kienx jistenna sa l-ahhar tax-xahar biex jithallas għax kien jokrob għall-flus.

Ikkonsidrat:

8. Illi s-Sur Salvatore Capraro xehed li kellu jieħu €1256.65 u dan skond id-dokumenti li ghadda lid-Dipartiment. Issa meta dan jghid li hu dovut dawk il-flus naturalment jaghmel dan a bazi tal-prospett esebit mix-xhud qabel id-deposizzjoni tieghu. Dawn huma l-istess ammonti li kienu gia komunikati lis-socjeta' JRS Limited qabel l-inizzju tal-proceduri. Dwar dan, izda, l-appellant jghid li dan ma jiswa xejn ghaliex jammonta ghal *hearsay evidence* li qatt ma kienet konfermata mill-kwerelant;

9. Dwar dan tajjeb li ssir referenza ghal dak ritenut mill-Qorti Kriminali preseduta mill-Imħallef Edwina Grima fil-każ '**Ir-Repubblika ta' Malta vs Daniel Felice**' (22 ta' Settembru 2016):

*‘ Issa, l-artikoli relevanti dwar il-Hearsay Rule huma l-artikoli 598 u 599 tal-Kap 12 reżi applikabbli għall-Kap 9 bl-artikolu 645 tal-Kap 9: “598. (1) Bħala regola, il-qorti ma tiħux qies ta’ xiehda dwar fatti li x-xhud igħid li ġie jafhom mingħand ħaddieħor jew li qalhom ħaddieħor li jista’ jinġieb biex jagħti xiehda fuq dawk il-fatti. “(2) Il-qorti tista’, ex officio, jew fuq oppożizzjoni tal-parti, ma tħallix jew tiċħad li jsiru mistoqsijiet bi skop li jittieħdu xhieda bħal dawk. “(3) Iżda l-qorti tista’ ġġiegħel lix-xhud li jsemmi l-persuna li mingħandha jkun sar jaf il-fatti li għalihom jirriferixxu dawk il-mistoqsijiet. “599. Il-qorti tista’, skont iċ-ċirkostanzi, tippermetti xiehda fuq kliem ħaddieħor u tieħu qies tagħha, meta dan l-istess kliem ħaddieħor ikollu, fih innifsu, importanza sostanzjali, fuq il-meritu tal-kawża jew ikun jagħmel parti mill-meritu; inkella meta dan ħaddieħor ma jkunx jista’ jinġieb biex jixhed, u l-fatti jkunu tali li ma jkunux jistgħu jiġu ppruvati sewwa xort’oħra, l-aktar f’każijiet ta’ twelid, taż-żwieġ, tal-mewt, tal-assenza, ta’ servitu’, ta’ rjieħ ta’ immobbli, ta’ pussess, ta’ drawwiet, ta’ ġrajjiet storiċi pubbliċi, ta’ reputazzjoni jew ta’ fama, ta’ kliem jew fatti ta’ nies li mietu jew li jkunu assenti u li ma kellhom ebda interess li jgħidu jew jiktbu l-falz, u ta’ fatti oħra ta’ interess ġenerali jew pubbliku jew li jkunu magħrufa minn kulħadd’*

*10.* Fis-sentenza tagħha ta’ l-24 ta’ Ottubru 2011 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta’ Malta v. Mario Azzopardi**, il-Qorti Kriminali ċaħdet l-eċċezzjonijiet ta’ inammissibilita` wara li kkunsidrat: *“Il-każ li mhux l-ewwel darba li ġie ċitat b’approvazzjoni dwar il-hearsay rule f’każi ta’ natura kriminali huwa Subramaniam v. Public Prosecutor fejn insibu dan il-kliem: “‘Evidence of a statement made to a witness by a person who is not himself called as a witness may or may not be hearsay. It is hearsay and inadmissible when the object of the evidence is to establish the*

*truth of what is contained in the statement. It is not hearsay and is admissible when it is proposed to establish by the evidence, not the truth of the statement, but the fact that it was made. The fact that the statement was made, quite apart from its truth, is frequently relevant in considering the mental state and conduct thereafter of the witness or of some other person in whose presence the statement was made.'* 'Jekk wieħed jeżamina l-ewwel sentenza tal-artikolu 599 tal-Kap 12, wieħed jista' jikkonkludi li l-hearsay rule fil-Liġi tagħna mhix daqshekk assoluta. U fil-fatt hekk qalet il-Qorti Kostituzzjonali hija u tiddeċiedi il-każ 'Joseph Mary Vella et versus Il-Kummissarju tal-Pulizija' (13 ta' Jannar 1988) fejn il-Qorti kkonfermat digriet tal-Prim'Awla biex jitħalla jixhed Prokuratur Legali li kien marbut bis-sigriet professjonali. Dan tħalla jixhed mingħajr ma kellu jikxef isem it-terza persuna li kienet qaltlu bil-fatti li fuqhom kellhom jixhed il-Prokuratur Legali. "Peress li d-depożizzjoni, li tista' tkun hearsay, tista' tkun prova diretta li ntqal xi ħaġa, ma tistax tiġi eskluża fl-istadju tal-eċċezzjonijiet preliminari. "F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu l-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk: "'*... Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.'* (1 ta' April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mis-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)."

16. Fis-sentenza tagħha tal-5 ta' Lulju 2012 fl-istess ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Azzopardi mbagħad din il-Qorti

kienet ikkummentat hekk: "*. … Ilu ben stabbilit minn din il-Qorti, kif anki rilevat mill-ewwel Qorti fis-sentenza tagħha, li mhux kull relazzjoni ta' x'qal ħaddieħor tikkostitwixxi hearsay evidence iżda jekk dak rapportat hux hearsay evidence jew le jiddependi mill-użu li wieħed jippretendi li jsir minn dak rakkontat. Jekk dak rakkontat jiġi preżentat bħala prova tal-kontenut tiegħu allura dak ikun hearsay evidence u bħala tali inammissibbli iżda jekk dak rakkontat jiġi preżentat mhux bħala prova tal-kontenut tiegħu iżda bħala prova li dak li ntqal verament intqal fiċ-ċirkostanzi ta' data, post u ħin li fihom intqal allura dan ma jkunx hearsay evidence u huwa ammissibbli għal ċerti għanijiet legali legittimi bħal sabiex tiġi kontrollata x-xiehda diretta tax-xhud li l-kliem tiegħu ikun qiegħed jiġi rapportat jew, fiċ-ċirkostanzi idoneji, anki sabiex tiġi korroborata xiehda diretta oħra. Huma għal dawn ir-raġunijiet, kif tajjeb spjegat l-ewwel Qorti, li din it-tip ta' xiehda ma tistax tiġi eskluża a priori iżda d-deċiżjoni dwar l-opportunita` o meno li titħalla tingħata dik ix-xiehda u titqiegħed quddiem il-ġurija trid neċessarjament tiġi rimessa lill-Imħallef togat li jippresjedi l-ġuri li jkun tenut jagħti d-deċiżjoni tiegħu skont iċ-cirkostanzi li fihom jiżvolġi l-ġuri u skont l-esiġenzi evidenzjarji u proċedurali tal-proċess. ….. (sottolinjar tal-Qorti)*

*Fl-Appell Kriminali Ir-Repubblika ta' Malta v. Meinrad Calleja, 26 ta' Mejju 2005: "Kwantu għax-xiehda ta' Clarissa Cachia l-ewwel Qorti kienet ċara meta spjegat li l-kontenut ta' dak li qalet lill-Pulizija, fl-assenza tax-xiehda diretta tagħha, ma kienx jagħmel prova la kontra u lanqas favur l-akkużat. Mill-banda l-oħra spjegat korrettement li ċ-ċirkostanza li qalet ċertu diskors setgħet tittieħed bħala ċirkostanza li tikkorrobora dak li seta' qal ħaddieħor.'*

11. Fid-dawl ta' dak li ntqal fis-sentenza tal-ahhar din il-Qorti ma tistax taqbad u teskludi x-xhieda tas-Sur Jonathan Caruana. Din tista' tintuża biex tikkollabora dak li xehed l-

impjegat Capraro dwar l-ammont dovut meta ddikjara li hu dovut l-ammont izda ma qaghadx jidhol fid-dettall tal-prospett li hu stess kien ghadda lid-dipartiment, liema pospett kien xorta wahda esebit mir-rapprezentant. Ghalhekk dan l-aggravju qed ikun michud;

12. Fit-tieni aggravju l-appellanti jallegaw illi meta s-Sur Capraro accetta s-somma ta' €800 ghamel dan ghas-saldu tal-pretensjonijiet kollha tieghu u l-ewwel Qorti naqset milli titratta dan bhala dejn civili saldat bejn il-partijiet. L-appellanti jirreferu għas-sentenza tad-9 ta' Novembru 2012 fl-ismijiet **Peter u Madeline konjuġi Vella de Fremaux vs Eagle Star (Malta) Ltd**. in sostenn tal-argument taghhom. Dan il-każ kien deċiż mill-Qorti tal-Appell Ċivili (Superjuri) fejn fih ġabra ta' ġurisprudenza dwar meta jintuża l-kliem *'in full and final settlement jew as saldu tal-pretenzjonijiet tiegħek.'* Il-każ kien dwar l-ammont dovut minn assigurazzjoni u jekk wieħed setax jaċċetta cheque b'ammont differenti minn dak pretiż u wara jagħmel kawża għall-bilanċ li kien fadal minn dak li qed jippretendi. Diversi sentenzi jimxu mal-prinċipju msemmi fis-sentenza '**Apap vs Gasan'** tas-sena 1986. Biss f'din is-sentenza a par.35 insibu dan li ġej:

*Illi l-atturi jsemmu każistika riċenti li fiha l-Qorti tal-Appell (Inferjuri) (Ċivili) u l-Qorti tal-Appell Superjuri (Ċivili) fissru li l-priċipju enunċjat fis-sentenza 'Apap vs Gasan, fuq ċitat, mhux wieħed assolut u jistgħu jeżistu ċirkostanzi fejn ikun ġust li l-Qorti tħoss li għandha tiddipartixxi minnu. Din il-Qorti tosserva li huwa minnu li jistgħu jeżistu ċirkostanzi li jwasslu lill-Qorti biex tiddipartixxi minn dan il-prinċipju, imma dawn huma każijiet eċċezzjonali li l-fattispeċje tagħhom manifestament jirrendu dan il-prinċipju inapplikabbli. Hekk, per eżempju, fil-kawża 'Agius*

*Marble Works Ltd v AX Construction Ltd' kien hemm sitwazzjoni ambigwa, fejn il-pagament li sar lill-kreditur, għalkemm kien dikjarat li kien qed jiġi effetwat 'in full and final settlement' lampament ma kienx ikopri x-xogħlijiet addizzjonali li kienet wettqet is-soċjeta' kreditriċi, u għalhekk kien jidher ċar li s-certificate of payment ma kienx jirreferi għal dawn ix-xogħljiet li ma kinux indikati fih.'*

15. Din il-Qorti, izda, ma taqbel xejn mar-ragunament tal-appellanti anke jekk il-punt huwa wiehed guridikament interessanti ferm u mhix disposta li tinoltra fid-direzzjoni ipotizzata mill-appellanti. Dan ghaliex l-artikolu 15(1) tal-Kapitolu 452 tal-ligijiet ta' Malta li jirregola l-kwistjoni odjerna, jipprojbixxi tnaqqis fil-paga bis-segwenti disposizzjoni:

> **15(1) Hlief meta jkun espressament permess mid-dispozizzjonijiet ta' dan l-Att jew mehtieg b'xi ligi ohra, jew meta ordnat minn jew bis-sahha ta' ordni ta' qorti kompetenti, jew permes fi ftehim li jkun sar bejn principal jew principali jew ghaqda ta' principali min-naha l-wahda u *trade union* jew *trade unions* li jirraprezentaww l-impjegati nteressati min-naha l-ohra, principal ma ghandu jaghmel ebda tnaqqis u lanqas jaghmel kuntratt ma' impjegat li jawtorizza li jsir xi tnaqqis mill-paga li ghandha tithallas mill-principal lill-impjegat.**

Imbaghad, skond l-artikolu 2 tal-istess Kap:

> **"paga" tfisser rimunerazzjoni jew qligh, li jithallsu minn principal lill-impjegat u tinkludi kull *bonus* li jithallas skond l-artikolu 23 minbarra kull *bonus* jew *allowance* relatati mal-esekuzzjoni tax-xoghol jew mal-produzzjoni.**

Dan ghalhekk ifisser, illi d-dritt li impjegat jippercepixxi l-paga fl-intier taghha mhix wahda derogabbli. Dan hu hekk ukoll ghaliex li kien mod iehor kien ikun lok ta' abbuz bejn min ihaddem u l-haddiem. Issa, minn ezami akkurat tal-atti gia

tirrizulta diffikulta ta' komunikazzjoni bejn il-partijiet fejn l-kwerelant jitkellem bl-ilsien Taljan u ma jitkellimx bil-Malti jew bl-Ingliz. Dan certament ma ghenx fil-kwistjoni u anke minn din l-ottika, ma hemmx dak is-serhan il-mohh li l-kwerelant seta' accetta l-pagament ghas-saldu tal-ammont intier lilu dovut;

Ghal dawn ir-ragunijiet l-appell qed ikun michud.

Il-Qorti ghaddiet biex tfisser lill-appellanti l-obbligi taghhom naxxenti mill-procediment tal-Kapitolu 446 kif ukoll li t-terminu impost mill-ewwel Qorti jibda jiddekorri mil-lum;